

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru. ../..

ta' [...]

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2042/2003, dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni¹ (hawn aktar 'l quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 6 tiegħu

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2042/2003, dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol,²

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 jistabilixxi bħala l-prinċipju ta' post prinċipali tan-negozju fir-rigward ta' l-M.1 ta' Anness I, 145.1 ta' Anness II u 147.1 ta' Anness IV
- (2) L-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll l-industrija talbu definizzjoni tal-kunċett ta' post prinċipali tan-negozju, sabiex jiġi evitat xi nuqqas ta' ftehim li jista' jseħħ meta l-awtorità ma tkunx ġiet definita b'mod ċar
- (3) Il-miżuri pprovduti minn dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-opinjoni maħruġa mill-Aġenzija³ skond l-Artikoli 12(2)(b) u 14(1) tar-Regolament Bażiku.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni. (ĠU L 240, 7.9.2002, p.1)

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003, ta' l-20 ta' Novembru 2003, dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru, ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1). Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 707/2006 tat-8 ta' Mejju 2006 (ĠU L 122, 9.5.2006, p. 17).

³ Opinjoni 5/2005 ara : http://www.casa.eu.int/home/opinions_en.html

- (4) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni¹ tal-Kumitat ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni mwaqqaf permezz ta' l-Artikolu 54(3) tar-Regolament Bażiku.
- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2042/2003 għandu jiġi emendat skond dan.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-paragrafu M.1 ta' l-Anness I mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 qed jiġi mibdul b'dan li ġejj:

M.1

- (a) Għall-għanijiet ta' din il-Parti, l-awtorità kompetenti se tkun:
1. għas-sorveljanza tal-kapaċità kontinwata ta' l-inġenji ta' l-ajru individwali u l-ħruġ ta' ċertifikati ta' reviżjoni għall-kapaċità għat-tajran, l-awtorità indikata mill-Istat Membru fejn ikun sar ir-reġistru .
 2. għas-sorveljanza ta' organizzazzjoni ta' manutenzjoni kif speċifikata fl-M.A. Sottoparti F,
 - (i) l-awtorità indikata mill-Istat Membru fejn ikun lokalizzat il-post prinċipali ta' negozju ta' l-organizzazzjoni in kwistjoni.
 - (ii) l-Aġenzija, jekk l-organizzazzjoni tkun lokalizzata f'pajjiż terz.
 3. għas-sorveljanza ta' organizzazzjoni ta' ġestjoni fil-qasam tal-kapaċità kontinwata għat-tajran kif speċifikata fl-M.A. Sottoparti G,
 - (i) l-awtorità indikata mill-Istat Membru fejn ilun lokalizzat il-post prinċipali tan-negozju ta' l-organizzazzjoni jekk l-approvazzjoni ma tkunx inkluża f'ċertifikat ta' operatur ta' l-ajru.
 - (ii) l-awtorità indikata mill-Istat Membru ta' l-operatur jekk l-approvazzjoni tkun inkluża f'ċertifikat ta' operatur ta' l-ajru,
 - (iii) l-Aġenzija jekk l-organizzazzjoni tkun lokalizzata f'pajjiż terz.
 4. għall-approvazzjoni ta' programmi ta' manutenzjoni ,
 - (i) l-awtorità indikata mill-Istat Membru fejn ikun sar ir-reġistru.
 - (ii) fil-każ ta' trasport bl-ajru kummerċjali, meta l-Istat Membru ta' l-operatur ikun differenti mill-Istat fejn ikun sar ir-Reġistru, l-awtorità li tkun għet mifthiema miż-żewġ Stati hawn fuq imsemmija qabel ma tkun saret l-approvazzjoni tal-programm ta' manutenzjoni

¹ [għad trid tiġi maħruġa]

Artikolu 2

Paragrafu 145.1 ta' Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 huwa mibdul b'dan li ġej:

145.1 Ġenerali

- (a) Għal għanijiet ta' din il-Parti, l-awtorità kompetenti se tkun:
 - 1. għall-organizzazzjonijiet li jkollhom il-post prinċipali tan-negozju fi Stat Membru, l-awtorità indikata minn dak l-Istat Membru, jew;
 - 2. għall-organizzazzjonijiet li jkollhom il-post prinċipali tan-negozju ġewwa pajjiż terz, l-Aġenzija.
- (b) Għall-għanijiet ta' din il-Parti u fir-rigward ta' organizzazzjonijiet inklużi fl-Anness II tagħha, il-post prinċipali tan-negozju huwa maħsub sabiex ifisser is-sit ta' l-organizzazzjoni fejn il-maġġoranza tal-personal fil-ġestjoni ta' l-organizzazzjoni speċifikat f'145.A.30(a)(b) jidderieġi, jikkontrolla jew jikkoordina l-attivitajiet tekniċi tagħha, u jiżgura li l-organizzazzjoni tikkonforma mar-rekwiżit tal-Parti-145

Artikolu 3

Paragrafu 147.1 ta' Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 huwa mibdul b'dan li ġej:

147.1

- (a) Għal għanijiet ta' din il-Parti, l-awtorità kompetenti se tkun:
 - 1. għall-organizzazzjonijiet li jkollhom il-post prinċipali tan-negozju f'wieħed mill-Istati Membri, l-awtorità indikata minn dak l-Istat Membru;
 - 2. għall-organizzazzjonijiet li jkollhom il-post prinċipali tan-negozju f'pajjiż terz, l-Aġenzija.
- (b) Għall-għanijiet ta' din il-Parti u fir-rigward ta' organizzazzjonijiet inklużi fl-Anness IV tagħha, il-post prinċipali tan-negozju huwa maħsub sabiex ifisser is-sit ta' l-organizzazzjoni fejn il-maġġoranza tal-personal fil-ġestjoni ta' l-organizzazzjoni speċifikat f'147.A.105 jidderieġi, jikkontrolla jew jikkoordina l-attivitajiet tekniċi tagħha, u jiżgura li l-organizzazzjoni tikkonforma mar-rekwiżit tal-Parti 147

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-publikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni
Membru tal-Kummissjoni*